MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2009

Numru. 392/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa)**

**vs**

**Jason Manuel Briffa ta’ 32 sena, bin Gaetano Joseph u Aida Maria nee’ Cunningham, imwieled Auburn, l-Awstralja fid-9 ta’ Dicembru 1974, residenti f’Rosewood Flats, Flat 6, Block A, Triq Pader Born, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta ta’l-identita’ bin-numru 121193(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Jason Manuel Briffa li permezz taghha huwa gie akkuzat:

1. talli f’dawn il-Gzejjer fl-20 ta’ Frar 2007, u fil-jiem ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula

b’risoluzzjoni wahda, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh li jeccedi l-elf lira maltin (Lm1000) ghad-dannu ta’ Valmore Galea minn San Giljan.

2. kif ukoll talli f’dawn il-Gzejjer, fit-2 ta’ Frar 2007 jew fil-jiem ta’ qabel, minn Cassar & Cooper (Real Estate) Ltd f’Tas-Sliema, ikkometta serq ta’ cekk ta’l-HSBC bin-numru 10 mahrug fuq kont bankarju 75111591001, bi hsara ta’ Christian Bonello, liema serq huwa ikkwalifikat bil-persuna;

3. u aktar talli f’dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta’ Marzu 2007 u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. kif ukoll talli fl-istess perijodu lok, u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

5. u aktar talli sar recidiv ai termini ta’l-artikolu 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datati 14 ta’ Frar 2002, 29 ta’ Mejju 2003 u 27 ta’ April 2006, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

6. kif ukoll talli b'hekk kiser il-provvedimenti ta'l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta meta ikkometta reat iehor fi zmien sitt xhur, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fid-29 ta' Jannar 2007.

Rat id-dokumenti.

Semghet il-provi,

Rat l-artikoli tal-ligi mibghut mill-Avukat Generali tat-28 ta' Awissu 2007.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti bil-procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat,

Illi mill-atti processwali u senjatament mill-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat[1], kif ukoll mix-xhieda tieghu[2] u fl-ahharnett mill-verbal tat-23 ta' April 2008, jirrizulta illi l-imputat mhux qieghed jikkontesta il-fatti li sawru dana il-kaz fil-maggior parti taghhom. Fil-qosor mill-atti processwali johrog illi l-imputat kien ghamel xi perijodu jahdem mas-socjeta Cassar & Cooper. Flimkien mieghu kien jahdme ukoll Valmor Galea, il-parti leza. Dawna kienu impjegati mas-socjeta bhala property negotiators. Jidher illi Galea kellu klijenta li kienet interssata tixtri xi propjeta gewwa Tas-Sliema. Fil-fatt huwa kien sab proprjeta gewwa Old College Street, izda il-klijenta tigehu ma kenitx interssatata f'dina il-proprjeta peress illi riedet tonfoq iktar. Madanakollu Galea hass illi dina l-proprjeta kien fiha potenzjal qawwi u ghalhekk huwa flimkien ma' l-imputat thajjru jixtruha personalment bi shab bejniethom bil-ghan ill jaghmel negozju minnha. Sid il-post kien certu Emanuel Sammut flimkien ma' uliedu. Il-prezz miftiehem kien ta' Lm275,000. Illi bhala kappara sabiex isir il-

[1] Dokumenti JB3 u JB4 a fols.19 u 22.
[2] Fol.130 et.seq.

konvenju huma kellhom johorgu is-somma ta' Lm30,000 bi shab bejniethom u cioe' Lm15,000. Galea madanakollu ma xtaqx jidher fuq il-konvenju peress illi kellu xi problemi familjari u ghalhekk iddelega lill-imputat sabiex jidher hu fuq l-istess konvenju. Huwa hareg is-sehem tieghu u cioe' is-somma ta' Lm15,000 li ghaddihom lill-imputat permezz ta' hames pagamenti wiehed ta' Lm2,500, iehor ta' Lm1,400, imbaghad ghaddielu Lm100 u fl-ahharnett zewg pagamenti ohra wiehed ta' Lm8,000 u l-ahhar wiehed ta' Lm3,000. Fuq parir ta'l-Avukat Ronald Aquilina u hu il-mara ta' Galea giet iffirmata kambjala [3]apparti skrittura, fejn kien jidher illi l-imputat kellu jaghti s-somma ta' Lm15000 lil dana Galea. Illi hawnhekk l-imputat isostni illi fil-fatt Galea kien sellfu dana l-ammont ta' flus u mhux ghaddielu il-flus ghall-iskop li tigi akwwistata dina l-prorpjeta. Il-Qorti madanakollu ma temminx dak illi isostni l-imputat u il-verzjoni ta' Galea hija iktar wahda verosimili. Fil-fatt jidher illi ghalkemm l-imputat kien jaf ben tajjeb illi il-konvenju ma kienx ser jigi iffirmat u dana ghaliex il-bejjiegha ma redux ikomplu b'dana il-bejgh, huwa xorta wahda baqa' jigbor il-flus minghand Galea u ma infurmahx illi l-flus ma kienx hemm iktar bzonnhom ghaliex il-bejgh ma kienx ser isir. Fil-fatt l-imputat ighid illi dawna l-flus spicca nefaqhom fi hlas ta' xi djun u minhabba il-vizzju tieghu tad-droga.

Wara dana jidher illi kellu jigi iffirmat il-konvenju quddiem in-Nutar Joanna Lia[4]. Izda meta gie biex isir dana il-konvenju kien dher biss il-venditur Emaneul Sammut peress illi Sammut kien ghadu jrid jikseb l-approvazzjoni ta' uliedu ghal dana il-bejgh u ghalhekk ghalkemm il-konvenju sar izda dana baqa' ma giex iffirmat. Dak in-nhar l-imputat ipprezenta cekk lin-Nutar Joanna Lia fl-ammont ta' Lm5,250 sabiex ikopri l-ispejjez tal-boll u xi taxxi. Dana ic-cekk kien mahrug fuq kont ta' certu Christian Bonello. Christian Bonello fil-fatt irrizulta illi kien impjegat ukoll ma' Cassar & Cooper u kellu l-iskrivanija tieghu vicin dik ta' l-imputat gewwa l-ufficju. Irrizulta illi xi granet qabel ma gie iffirmat dana il-konvenju l-imputat kien ha cekk mic-

[3] Fol.25 Dokument JB6
[4] Ara xhieda tan-Nutar Lia a fol.45 et.seq.

cheque book ta' dana Bonello, liema cheque book huwa kien sab fuq l-iskrivanija ta' Bonello. Hawnhekk l-imputat mela dana ic-cekk u kif jammetti hu stess iffalsifika il-firma ta' Bonello fuq dana ic-cekk u ipprezentah lin-Nutar.

Gara illi ulied Sammut jew xi uhud minnhom fosthom Charles Sammut li xehed f'dawna il-proceduri ma riedux jiffirmaw il-konvenju dana il-bejgh ma kienx ghogobhom.[5] Ghaldaqstant il-konvenju ma giex iffinalizzat. F'dana l-istadju l-imputat mar ghand in-Nutar u talabha taghtih ic-cekk lura. Hija ghamlet kopja tieghu u ghaddiethulu. L-imputat minflok qatta' dana ic-cekk gialadraba ma kellux uzu iktar ghalih, ipprezenta dana c-cekk sabiex jixtri karozza lussuzu minn ghand Adrian Muscat li jigestixxi negozju ta' bejgh u xiri ta' vetturi. Fil-fatt huwa kien hallas billi tah Lm1,000 fi flus kontanti u ghaddielu dana ic-cekk. Ghalkemm l-imputat ighid illi ma jiftakarx jekk huwa iffalsifikax ukoll il-firma tan-Nutar fuq in-naha ta' wara ta' dana ic-cekk, madanakollu l-Qorti temmen illi l-imputat ghamel dana billi in-Nutar cahdet kategorikament illi il-firma fuq in-naha ta' wara tac-cekk hija taghha. L-imputat irranga ukoll id-data tac-cekk mill-1 ta' Frar 2007 ghal 31 ta' Marzu 2007 u dana billi zied in-numru 3 quddiem in-numru 1 u irranga in-numru 2 tax-xahar, bin-numru 3. Meta Muscat ipprezenta dana ic-cekk il-bank sabiex jisarraf gie mitlub il-firma tan-Nutar fil-post fejn kien jidher illi ic-cekk kien gie irrangat. Muscat ghalhekk mar ghand in-Nutar Lia li hekk kif rat dana ic-cekk mal-ewwel isusspettat dak illi kien sehh u infurmat lil Muscat b'dana. Muscat telaq 'il barra u b'rabja qatta' dana ic-cekk. In-Nutar Lia imbaghad ikkomunikat ma' Christian Bonello li kien il-firmatarju fuq dana ic-cekk, li mal-ewwel infurmaha illi huwa ma kienx irilaxxja dak ic-cekk u li l-firma li kienet tidher fuqu ma kenitx tieghu. Wara dana Bonello ghamel rapport lill-pulizija fejn imbaghad bdiet l-investigazzjoni fuq dana il-kaz.

Illi fin-nota tar-rinviju ghal gudizzju l-Avukat Generali jindika illi tista' tinstab htija fil-konfront ta'l-imputat

[5] Ara xhied Charles Sammut a fol.106

essenzjalment ghar-rigward tar-reati ta’ frodi, serq aggravat bil-persuna u l-falsifikazzjoni.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA DRITT**

Illi dwar il-Ligi, l-imputat jinsab akkuzat kemm bir-reat tal-frodi kif ukoll tal-falsifikazzjoni. Illi ghar-rigward ta’ l-akkuza tal-frodi jew truffa ai termini ta’l-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali u tal-frodi innominat ai termini ta’l-artikolu 309, fil-ligi taghna sabiex ikun hemm il-kommissjoni ta’ dawn ir-reati jrid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta’ ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li iggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent. Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli il-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata volontarjament taghti xi haga lil-agent. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f’raggiri o artifizi – dak li fid-dottrina jissejjah il-*mise en scene* – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta’ frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) – (ara sentenza Il-Pulizija vs Anthony Francis Willoughby deciza Appelli kriminali 12/02/1999).

Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alfred Sammut (16 ta’ Marzu 1999), gie deciz:

“Il-messa in xena (jew artifizi jew raggiri), mehtiega ghall-finijiet ta’l-artikolu 308 ma hemmx ghalfejn li tkun xi haga kkumplikata jew arkitettata b’hafna pjanijiet. Infatti l-ligi stess tindika l-forom li dawn l-artifizi jew raggiri jistghu jiehdu.” Illi f’dana il-kaz wiehed ma jistax ighid illi l-imputat ma arkitettatx pjan ikkumplikat sabiex jasal ghal finijiet ta’ mohhu, tant illi il-qligh illi ghamel kien wiehed konsiderevoli.

Illi ghalhekk l-imputat huwa hati ta’ reat taht dana d-dispost tal-ligi u cioe’ tal-frodi u truffa kif previst fl-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi ghar-rigward tar-reat tal-falsifikazjoni, il-ligi taghna tikkontempla diversi forom ta' falz f'dokumenti pubblici u skritturi privati. Il-ligi taghna taghmel anke distinzjoni bejn il-falz ideologiku u il-falz materjali. Kif gie ritenut f'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati taghna fosthom f'sentenza moghtiha mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Paul Galea" deciza 17 October 1997:

"Id-differenza bejn il-falz materjali u il-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe' fil-kontenut tieghu, ikun hemm falsita materjali meta d-dokument ikun wiehed genwin, mentri il-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e' veridico, perche colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero". Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita' jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew ta' volonta. S'intendi b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' issir kemm bl-id, kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu imqar temporanjament il-messagg …"

Illi il-falz li bih l-imputat huwa akkuzat huwa dak ikkontemplat fl-artikolu 183 tal-Kapitolu 9 u l-uzu tad-dokument f'dana il-kaz cekk iffalsifikat. Fil-fatt l-imputat iffalsifika dana ic-cekk f'zewg okkazzjonijiet. L-ewwel darba meta huwa iffalsifika il-firma ta' Christian Bonello u mela l-istess cekk u t-tieni darba meta huwa rega' iffalsifika firma ohra din id-darba tan-Nutar Lia u irranga d-data fuq ic-cekk. Dana wara li huwa seraq ic-cekk minn ghand Christian Bonello li kien impjegat mieghu fl-istess socjeta biex b'hekk l-imputat sar hati ukoll tar-reat ta' serq aggravat bil-persuna a tenur ta'l-artikolu 268(d) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti tosserva illi l-imputat huwa bniedem stuz li kapaci jidhaq bin-nies minghajr ma dawna jirrealizzaw il-

periklu li jinsabu fih. Bl-imgieba u l-komportament tieghu huwa jirnexxielu “ibellaghlhom” kwalunkwe haga, meta fil-ftt l-intenzjoni tieghu tkun wahda biss u cioe’ li iqarraq bihom u dana sabiex jaghmel qligh huwa stess a detriment tal-vittmi tieghu. Illi minhabba l-agir tieghu f’dana il-kaz mhux biss Valhmor Galea tilef somma sostanzjali ta’ flus li l-imputat baqa’ jiehu minn ghandu minghajr l-ebda skruplu konsapevoli illi in-negozju bejniethom kien falla, izda ukoll spiccaw tilfu l-impieg taghhom mhux biss Galea, izda persuna ohra innocenti u cioe’ Sandro Bianchi li b’xorti tajba sab impieg iehor xi ftit tax-xhur wara. B’xorti tajba ukoll l-imp0.
0utat ma irnexxielux jisraq il-flus ukoll minn ghand Christian Bonello meta huwa seraqlu ic-cekk, iffalsifika il-firma tieghu u kien ser jaghmel hlas permezz ta’l-istess. Il-Qorti minghajr tlaqliq ma tistax hlief tikkundanna dan l-agir ta’l-imputat mimli raggiri u imbrolji wahda wara l-ohra! Illi f’dana il-kaz il-Qorti sejra tapplika id-disposizzjoni ta’l-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u dana peress illi is-serq tac-cekk mill-imputat u il-falsifikazzjoni ta’l-istess serva sabiex isir il-kummissjoni tar-reat iktar gravi u cioe’ ir-reat tal-frodi.

Illi fid-dawl tar-risultanzi processwali u fid-dawl tal-istqarrijiet ta’l-imputat u x-xhieda tieghu, l-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta’l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu. Illi fuq linja pozittiva il-Qorti tinnota illi l-imputat jidher illi qed jibda jirrealizza illi hemm bzonn illi johrog minn dina it-triq ta delinkwenza u fuq kollox mill-vizzju tieghu tad-droga. Mix-xhieda ta’ Vicky Scicluna jidher illi l-imputat qieghed jaghmel progress anke fil-mod kif huwa ihares lejn il-hajja. Inoltre l-imputat diga hallas parti zghira mill-flus dovuti lil Valmor Galea. Il-Qorti madanakollu thoss illi ghadu kmieni wisq biex hija taghti l-imputat il-fiducja li qieghed jitlob. Il-Qorti ghalhekk tqis illi piena karceraja effettiva hija wahda idonja ghal dana il-kaz. Billi jirrizulta illi l-imputat qieghed isegwi program ta’ rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga, liema program jidher illi qieghed isegwi b’success u li wasal biex itemm, **il-Qorti thoss illi ghandha ssir rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Habs sabiex l-imputat ma jispiccax inkarcerat hekk kif itemm il-parti tal-programm “fully residential” izda jibqa’ ikompli l-**

**kura fil-Komunita ta' Santa Marija fejn bhal issa qieghed jigi segwit minn persuni professjonali.**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 308, 310(1)(a), 261(d), 268(d), 281(a), 282, 183 u 184 u 17(h), 31, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 7, 21, 22, 23, 24 u 25 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta', issib lill-imputat hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' tmintax-il xahar (18) prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------